# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' April 2006 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Mejju 2006 fis-6.00p.m.
   Il-laqgħa tas-7 ta' Mejju 2006 li taħbat f'għeluq l-20 sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Ġunju 2006 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Lulju 2006 fis-6.30p.m.
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi jew mill-website tal-Moviment.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (**bil-Malti u bl-Ingliż**) kif ukoll domni, **keychains** u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieħ mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 66 APRIL 2006 JITQASSAM BLA ĦLAS



"Ġesù qalli, 'Illum il-Ġimgħa l-Kbira, kulħadd wara l-istatwa ta' Kristu qed ibati... Bħallum tmint ijiem, kienet id-Duluri, kulħadd jimxi wara l-istatwa ta' Ommi Addolorata, ħaġa sabiħa ħafna, imma taħsibx li dawk in-nies li kienu qegħdin jiġru wara l-istatwa tad-Duluri kienu kollha ġenwini... Kien hemm ħafna minnhom illi waqt dak il-pellegrinaġġ... kienu qegħdin jaħsbu lil min ħa jagħmlu ħsara, lil min ħa jinkwetaw...'"

***Ġuża Mifsud, April 1989***

# ID-DULURI TA' MARIJA SANTISSIMA

"Insellmulek, O verġni Marija, li nissiltna uliedek fid-duluri tar-ruħ ħelwa tiegħek wieqfa fejn is-salib, l-artal li fuqu offra ruħu vittma Ibnek Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet ta' kulħadd." Insellmulek omm tagħna, insellmulek kif b'tant ħeġġa u ħlewwa kienet issellimlek Ġuża Mifsud. Ma kienx biss fi żmien ir-Randan li Ġuża kienet titkellem dwar il-passjoni ta' Ġesù u dwar id-dulur li ġarrbet Ommna Marija għaliex riedet tnissel fina għarfien qawwi ta' l-imħabba li kemm il-Mulej Ġesù kif ukoll il-Verġni Marija kellhom għalina l-bnedmin.

## Il-Madonna ma ħaditix kontra r-rieda t'Alla.

Fil-laqgħa ta' Marzu 1996, Ġuża qalet, "Meta fuq il-Kalvarju tawha lil Ġesù mejjet fi ħdanha, il-Madonna bdiet tħares lejn il-feriti kollha li kellu l-Mulej Ġesù. Hi ma ħadithiex kontra r-rieda tal-kbir Alla, anzi tant qagħdet għal kollox matul il-passjoni, biex Ġesù jkun eżatt f'dik il-passjoni, biex isalva jekk jista' jkun lil kull bniedem li kien hawn fid-dinja u għad irid jiġi. Bdiet tgħidlu hekk il-Madonna:

'O għajn ta' karità illi qatt ma tonqos, kif intemmejt?

O mgħallem u għaref tal-bnedmin, kif ma nstemax iżjed leħnek?

O raġġ ta' dawl kbir ta' Missierek, kif intfejt?

O l-ogħla verità tal-qalb tiegħi, kif ġejt f'tant faqar?

O ġnien imżejjen bil-fjuri ta' l-imħabba t'Alla, kif tħassar wiċċek?

O Sinjur Ġesù Kristu Alla u bniedem, ikollok ħniena mid-dinja kollha.' Dak li talbet is-Sinjura tal-Ħajja meta kellha lil Ġesù fi ħdanha.

Il-Madonna batiet pass wara pass mat-toroq tal-Kalvarju ma' Binha Ġesù u għalhekk għandna ngħidulha: 'Grazzi, għażiża u twajba ommna Marija..."

L-istess ħsieb reġgħet tennietu fil-laqgħa ta' April 1996, meta qalet,"Għandna għalfejn inroddulhom ħajr lill-Mulej u lill-Madonna għal kemm għamlu magħna waqt il-passjoni. Ġesù mexa mat-toroq tal-Kalvarju mgħobbi bis-salib u l-għażiża Ommu Marija, li hija Ommna Marija Santissima wkoll, kienet timxi warajh, kważi taħt is-salib li kien qed jerfa' Ġesù Binha stess, b'dawk is-sofferenzi kbar, enormi. Meta l-Madonna semgħet lil dawk il-Lhud ikasbru lil Binha kienu wkoll ikasbru l-qalb imqaddsa tagħha.



U lill-Madonna għalhekk għandna ngħidulha: 'Madonna, nirringrazzjawk għal dak kollu li qed tagħmel f'artna, ta' Malta u Għawdex. Kompli agħmlu, kompli iġbed lil dawk il ftit erwieħ li huma 'l bogħod mit-twemmin ta' Ibnek Ġesù, biex aħna lkoll inkunu nistgħu niġbdu kuruna ta' ward imressqa lejn is-sema għal quddiem il-Missier Etern, Ibnek Ġesù u int, biex tkunu aktar tistgħu tressquna lejn il-Belt ċelesti tagħna. Aħna nixtiequ li kulħadd, jekk Alla jrid, imur jirċievi dak il-post li Ġesù t-twajjeb tagħna mar jippreparalna permezz tal-mewt u l-passjoni Tiegħu..."

## Ninġibdu wara t-tbatijiet ta' Marija Addolorata

Ġuża tkompli tgħid, "Madonna, għażiża Marija, fid-duluri mqaddsa tiegħek tant sofrejt, tant batejt, tant għamilt ma' Ibnek Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet tad-dinja kollha. Inti għidtli biex ninġibdu wara t-tbatijiet tiegħek Addolorata, meta inti kont miexja pass pass ma' Ibnek Ġesù fil-Passjoni, u noffru din it-tbatija għall-erwieħ tal-purgatorju.

Ngħidu kredu f'ġieħ Ġesù mejjet fi ħdan Marija, ngħidu Salve Reġina bħala radd ta' ħajr lill-Madonna Reġina tas-sema u ta' l-art, imbagħad ngħidu Pater, Ave Marija u Glorja skond l-intenzjoni tal-Papa. U l-Madonna qaltli wkoll biex ngħidu u nxerrdu ħafna devozzjoni lejn Ġesù meta tant sofra b'dik il-kuruna tax-xewk f'rasu. Tant kienet maħduma b'mod barbaru illi nifditlu minn rasu sas-saqaf ta' ħalqu, u ta' dan ngħidu Glorja Patri littliet Persuni Divini tas-Santissima Trinità. B'mod speċjali nitolbu lil Ġesù Redentur ibati taħt is-salib, u ngħidulu biex jagħtina maħfra ta' dnubietna, ta' kemm inqasna f'ħajjitna u nitolbu għall-bżonnijiet tal-midinbin ta' artna, ta' dawk imbegħdin minn artna... Il-Madonna batiet pass pass mat-toroq tal-Kalvarju u taħt għajnejha rat il-mewt hekk brutali ta' Binha minn ħafna ħutu Lhud. Il-Madonna sogħobbiha ħafna u qaltli: "Għalkemm jgħidu li jiena fil-qalb tiegħi għandi seba' duluri, imma d-duluri huma aktar minn sebgħa. Id-duluri bdew minn meta jiena ġibt lil Kristu fid-dinja u Erodi beda jfittex lil Ibni Ġesù sabiex ta' ftit xhur, snin, ried ineħħih mid-dinja għax ħaseb dan Erodi li Ibni Ġesù ħa joħodlu s-saltna tiegħu.

Ġesù, bħalma qal fid-dar ta' Pilatu: 'is-saltna Tiegħi mhix f'din l-art, is-Saltna Tiegħi hi fil-Belt ta' Missieri, fil-belt imqaddsa t'Alla', imma tant l-għedewwa ta' Kristu huma nfami li dan ma emmnuhx u baqgħu sakemm naxruh fuq is-salib, b'imsiemer kiefra li nifdu lil idejh u riġlejh. Dan jiena għamiltu bl-akbar kuraġġ, bl-akbar intenzjoni ma' Ibni Ġesù, għax wara ftakart li b'dina t-tbatija ħa jkun hemm suċċess minn ħafna ulied il-Knisja.

U dana veru minnu kien, għaliex mill-mewt ta' Ibni Ġesù ikkonvertew ħafna nies, saru ħafna, ħafna qaddisin, imma għad baqa' ħafna u ħafna nies illi ma jemmnux f'Alla, illi 'l bogħod minn Alla, il bogħod minn dak it-twemmin li għallem Ibni Ġesù.

Ibni Ġesù kellu appostolat fid-dinja. Meta ħareġ mid-dar jiena sogħobbini u mbagħad iltqajt miegħu u rajtu tiela' mat-toroq tal-kalvarju bis-salib fuq spallejh. Anka kellna t-telfien Tiegħu, jiena u l-missier putattiv Tiegħu Ġużeppi, għednielu, 'Għaliex għamiltilna hekk?' Ir-risposta Tiegħu kienet: 'għax jiena rrid nagħmel ir-rieda ta' Missieri.' U jiena fhimt li dik ir-rieda kienet ir-rieda ta' Alla, u la kienet ir-rieda t'Alla u la Alla ried hekk, jiena wkoll ridt hekk biex dan il-ġid immens, hekk kbir bejn is-sema u l-art ikun suċċess mija fil-mija.

Imma jiena ħa ngħidlek, binti, illi għadu jisgħobbini ħafna għal xi ħafna minn ulied Alla, li għadhom jistennew illi tiġi xi fidwa oħra. Dan il-ħsieb tant tertaqli qalbi. Il-fidwa saret, it-tbatija ta' Ġesù saret. Jisgħobbini ħafna jiena għal dawk il-bnedmin li jissejjħu li huma nsara u ma huma nsara xejn. Lanqas għandhom jissejjħu biss insara ta' l-isem għax dawn, bħalma għidna ma huma nsara xejn, għax li kieku nsara jġibu quddiem għajnejhom, jaħsbu kemm bata Ġesù għall-fidwa tagħhom biex itellagħhom il-Ġenna u ma jmorrux jitkaxkru l-Infern b'kapriċċ. B'kapriċċ, jaħasra, ta' dagħa, ta' qtil, ta' mibegħda, ta' mibegħda lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija, ta' mibegħda lejn ħuthom stess, ta' mibegħda illi jkaxkru għar-rovina lil ħuthom stess.

Kulħadd għandu jġib quddiem għajnejh kemm swiet il-fidwa ta' ruħhom. Dawna jidrilhom li m'hux biżżejjed il-Passjoni ta' Kristu, meta Kristu tant bata għalihom, għamel kollox Ġesù, għamilt kollox jien kemm stajt, u dana għalija jisgħobbini ħafna għax kemm min-naħa tal-Mulej, ta' Ibni Ġesù u tiegħi għamilna kollox biex il-bniedem isalva permezz ta' Iben Alla. Imma dana s'issa għadu ma kienx suċċess għal kollox u nispera li, jekk Alla jrid, illi forsi mhux fil bogħod, f'qasir żmien, jekk Alla jrid, dan ix-xogħol ukoll jirnexxi..."

**Kunu aktar devoti lejn it-tbatijiet ta' Ġesù u Tiegħi.**

F'messaġġ ieħor Ġuża tgħid, "F'dak illejl imqaddes minn tal-Ġimgħa l-Kbira 17 ta' April tas-sena 1987 għall-ħabta ta' xi l-11.30p.m. jiena bdejt nisma' il-leħen divin tas-Sinjura tal-Ħajja. Imbagħad b'għajnejja mimlija kollha dmugħ jiena bdejt nara lil Marija li kienet taħt is-salib flimkien ma' xi nies twajba u qaddisin oħra. Dina l-Madonna qaltli: "Kemm tista', binti, għid lil ħutek, kemm ta' artek u kemm jekk jista' jkun tad-dinja kollha, biex tkunu aktar devoti lejn dawn it-tbatijiet ta' Ibni Ġesù u tiegħi, lejn din il-fidwa hekk kbira li saret permezz tal-Mulej li kienet miġjuba mis-sema għall-art b'tant tbatija ta' Ġesù, ħallieq u feddej tagħna."

Jiena sejra ngħid xi ħaġa fuq kemm batiet il-Madonna meta resqu xi whud mill-qattiela ta' Binha biex ikomplu jiddisprezzawh, imma mbagħad ftit wara waslu xi erwieħ qaddisa bħal Ġużeppi ta' Arimatea u sħabu. Jiena f'dik il-viżjoni tant bkejt meta rajt dik it-traġedja nfami li saret fuq ħuna l-kbir, Ġesù Kristu. Jiena ġibt quddiem għajnejja dak il-ħin illi l-Madonna tant sofriet id-duluri, tant sofriet tbatija, tant sofriet moħqrija..."

Ħuti, ma ngħalqux għajnejna għal din l-imħabba nfinita ta' ħuna Ġesù u ta' Ommna Marija. Ineħħu kull forma ta' mibegħda u ħażen li jtappnulna qalbna u jtellfuna milli napprezzaw it-tbatija tant kbira li sofrew għalina. Ġesù xerred demmu għalina, Marija żgur li ma kienx baqagħlha aktar dmugħ x'ixxerred, iżda dan kollu għamluh għas-salvazzjoni tagħna. Ejjew nagħmlu ħilitna biex nibbenefikaw bis-sħiħ minn dan ir-rigal hekk kbir ta' mħabba.

Nagħlaq billi flimkien nitolbu din it-talba li Ġuża b'tant ħeġġa kienet tlissen spiss waqt id-diskorsi tagħha: "O Verġni Marija, li nissiltna uliedek fejn is-salib ta' Ibnek Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet ta' kulħadd, ikollok ħniena minna u mill-bnedmin tad-dinja kollha, aħna lkoll li nemmnu li Ġesù bata u miet għalina biex isalvalna ruħna."

*Sylvana Spiteri LL.D*

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*

## IL-LAQGĦA TAS-7 TA' MEJJU 2006

Kien sewwa sew il-5 ta' Mejju 1986, għoxrin sena ilu, illi b'tant kuraġġ u rieda sodha Ġuża tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Il-Madonna tatna rigal, tatna post ieħor fejn nistgħu immorru sabiex nagħtu glorja lil Alla, nitolbuh il-bżonnijiet tagħna u fl-istess ħin ukoll nirringrazzjah għal dak kollu li tana u għad irid jagħtina.

Hija ħaġa ferm sabiħa li n-nies jitilgħu il-Girgenti f'kull ħin tal-ġurnata jifthu qalbhom ma' dik l-omm li tana Ġesù stess fuq is-salib, iżda jkun ħafna u ħafna xieraq li apparti dan niddedikaw il-lejla tal-Ħadd 7 ta' Mejju lil Ommna Marija. Niltaqgħu ilkoll flimkien, nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lis-sema flimkien. Inħeġġiġkom minn issa sabiex iżżommu dan l-appuntament mal-Madonna. Hi qatt ma tonqos mill-għajnuna tagħha, ejjew aħna wkoll nagħtu s-sehem tagħna!

## DVD B'TAGĦRIF DWAR ĠUŻA ....

Il-Kumitat għadu kemm ħareġ DVDs li fihom: tagħrif dwar Ġuża Mifsud, ir-rużarju minn Ġuża Mifsud u siltiet mil-laqgħa ta' talb li kienet saret il-Girgenti nhar it-3 ta' Ġunju 1990. Minn hu nteressat jista' jakkwista kopja mill-Girgenti.

## L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Kif jgħidu li ż-żmien jgħaddi u ma jistenna 'l ħadd. Dalwaqt jgħaddi l-perjodu ta' tliet snin li għalih inħatar il-Kumitat fl-2003. Filfatt fil-laqgħa tat-tielet Ħadd ta' Settembru jerġa' jmiss li ssir l-Assemblea Ġenerali sabiex fost affarijiet oħra jinħatar Kumitat ġdid għall-perjodu 2006-2009. Żgur li hemm uħud minnkom li jistgħu jiddedikaw ftit ħin sabiex darba fix-xahar niltaqgħu flimkien, naqsmu l-idejat tagħna u nieħdu d-deċiżjonijiet li jkun hemm bżonn. Xejn ta' barra minn hawn, u jekk ix-xogħol jinqasam ħadd ma jħoss il-piż. Ktibt dawn il-kelmtejn ftit kmieni bi skop, sabiex wieħed minn issa jaħseb jekk jistax jikkontribwixxi aktar għall-ġid tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Kuraġġ, jekk il-Madonna ssejjħilkom biex taħdmulha aktar mill-viċin tgħidulhiex le!

## RINGRAZZJAMENTI

- Nirringrazzja lil dawk li semgħu l-appell tiegħi u bagħtu l-esperjenzi tagħhom fir-rigward ta' Ġuża. Żgur iżda li hemm ħafna oħra li għandhom x'jirrakkontaw. Meta tiktbu tinsewx tagħmlu l-indirizz, in-numru tat-telephone u l-firma. Indirizzaw il-kitbiet tagħkom lili, jiġifieri, Dr. Sylvana Spiteri, 6 Alley 2, Main Street, Siġġiewi, QRM14.
- Nirringrazzja wkoll lil dawk li bagħtu donazzjonijiet għall-ispejjeż tal-fuljett, b'mod speċjali dawk li jirċievu l-fuljett bil-posta. Kull donazzjoni tgħin biex jittaffu l-ispejjeż.



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**Rose Schembri mis-Siġġiewi fit-2 ta' Diċembru 2005 kitbet hekk:** Kien l-20 ta' Ottubru 2005 meta fis-7.00a.m. irċivejt telefonata mingħand il-mara ta' ħija li qaltli li kienet ħadet lil ħija l-isptar malajr. Kien ħażin wisq u stennejna riżultati xejn tajba. Dak il-ħin tlabt bil-qalb lil Ġuża u ftit ġranet wara ħija qaleb għall-aħjar. Ir-riżultati bdew ħerġin tajbin u għall-grazzja t'Alla illum jinsab id-dar. Ftit ġranet qabel kont qlajt kopja tal-fuljett Leħen il-Girgenti u santa u rrikorrejt malajr għalih. Illum nista' ngħid li qlajt grazzja. Grazzi Mulej.

**Carmen kitbitilna hekk:** Nixtieq infaħħar u nirringrazzja lil Alla għal żewġ grazzji kbar li għoġbu jagħtini bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni li jiena devota ħafna tagħha. Kont ilni sentejn nitlob u nittama li xi darba naqla' din il-grazzja: mhux għalija imma għal waħda minn tal-familja. Meta kont l-isptar waslitli l-aħbar li t-tifla ta' ħija kien ser ikollha tarbija, wara li kienet tilfet it-tieni tarbija tagħha sentejn ilu. Tgħidx kemm fraħt! Issa llum nista' ngħid li l-grazzja qlajtha għax il-bieraħ għall-grazzja tal-ħanin Alla weldet tifla qawwija u sħiħa.
Il-grazzja l-oħra kienet li jiena kelli xi ħaġa serja iżda li t-tobba ndunaw biha mill-ewwel u hekk stajt niġi mfejqa. Saritli operazzjoni u llum it-tobba qaluli li jiena mfejqa għal kollox.
Nitlob lill-Madonna tibqa' iżżomm idejha fuqi u fuq il-familja tiegħi, tfejjaq il-morda kollha u tieħu ħsieb it-tobba u n-nurses li tant jieħdu ħsieb il-marid. Grazzi.

**C. Zammit minn San Giljan** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala' bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

**S. Falzon mill-Mosta kitbet hekk:** Nixtieq nirringrazzja lil Alla għal żewġ grazzji li qlajt. Sena u nofs ilu kont għamilt operazzjoni u f'Awissu bdejt inħoss uġigħ kbir taħt żaqqi. Bżajt, tlabt lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u xi ġimgħa wara l-uġigħ ma bqajtx inħossu. Meta mbagħad mort għal viżta l-professur sabni tajba ħafna.
It-tieni grazzja hija fuq it-tifel li ma setax jgħaddi mill-eżami tal-kompjuter. Tlabt lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u meta reġa' għamlu għadda.

**Reġina Mifsud minn Għawdex** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Huma kellhom tarbija fil-familja.